# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 238/2022: GO P.L.C. (C22334) V. DEVASSY MEERA (KI. 161711A)

(AMMONT DOVUT)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14 ta' Lulju 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' GO p.l.c. (hawn imsejjħa "il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fil-25 ta' Ottubru 2022[1] li permezz tiegħu talbet lil Devassy Meera (hawn imsejjħa "l-intimata") sabiex tidher fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid 'l għaliex m'għandiex tiġi kkundannata li:

> **'tħallas, lis-soċjetà attriċi, s-somma ta' ħamest elef sitt mija erba' u sittin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€ 5,664.37) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numri 40825742.**
>
> **Bl-ispejjeż, kompriżi d-drittijiet professjonali u bl-imgħaxijiet legali kontra l-intimata li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.'**

wara li rat illi bl-Ordni *in camera* tagħha tas-27 ta' Ottubru 2022 il-Qorti ordnat *inter alia* lill-intimata sabiex jekk tixtieq tikkuntesta t-talbiet tagħmel dan permezz ta' risposta entro għoxrin ġurnata min-notifika[2],

wara li rat li minkejja li ġiet debitament notifikata bir-rikors promotur u bl-ordni *in camera* l-intimata naqset milli tidher jew milli tippreżenta risposta,

---

[1] Fol 1-15
[2] Fol 17-18

wara li semgħet ix-xhieda ta' **Beverly Xerxen,** rappreżentanta tal-kumpanija rikorrenti, mogħtija *viva-voce* fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2024 u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħha[3] u wara li semgħet ix-xhieda ta' **Michelle Mary-Anne Camilleri**, rappreżentanta tal-kumpanija rikorrenti, mogħtija *viva-voce* fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2025,

wara li rat li fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2025 il-kawża tħalliet għall-14 ta' Lulju 2025 għall-provi kollha tal-intimata[4],

wara li rat li fis-seduta tal-lum l-intimata naqset milli tidher sabiex tressaq il-provi tagħha u għalhekk il-Qorti filwaqt li ddikjarat il-provi tagħha maqħluqa u wara li ntalbet tmur għas-sentenza pposponiet il-kawża sabiex tingħata sentenza,

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Skont ix-xhieda tar-rappreżentanti tal-kumpanija rikorrenti, **Beverly Xerxen** u **Michelle Mary-Anne Camilleri**, l-ammont mitlub fir-rikors promotur ossia dak ta' ħamest elef sitt mija erba' u sittin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€ 5,664.37) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numri 40825742, għadu dovut sal-ġurnata tal-lum.

2. Fis-seduta tal-lum, 14 ta' Lulju 2025, li kienet riservata għall-provi tal-intimata, l-istess intimata naqset milli tidher u dan in-nuqqas, flimkien mal-mankanza tar-risposta, wassal lill-Qorti sabiex tiddikjara magħluqa l-provi tagħha.

3. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tara li l-intimata m'għandiex difiża xi tressaq u *di piu'* r-rikorrenti ressqet provi suffiċjenti sabiex fuq bilanċ ta' probabiltajiet l-Qorti tilqa' t-talbiet tagħha.

**Deċiżjoni**

4. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti b'dan illi:**

---

[3] Fol 33
[4] Fol 56

1. **tiddikjara illi l-intimata hija debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fis-somma komplessiva ta' ħamest elef sitt mija erba' u sittin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€ 5,664.37) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numri 40825742,**

2. **tikkundanna lill-intimata tħallas din is-somma lill-kumpanija rikorrenti flimkien mal-imgħaxijiet legali,**

3. **tikkundanna lill-intimata tħallas ukoll l-ispejjeż kif mitluba.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur